b) L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "bastimenti tas-sajd ta' Stati Membri oħra" jinkludi wkoll il-bastimenti tas-sajd ta' Stat Membru ieħor bil-bandiera tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja?

c) L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "jilħqu l-objettivi [għanijiet] tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni" jinkludi wkoll il-miżuri adottati mill-Istat Membru li sempliċement jinkoraġixxu l-ilħuq tal-għanijiet speċifikati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni msemmija?

2) L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-miżuri adottati minn Stat Membru, applikabbli għal ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu, li huma neċessarji sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ([3])?

3) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għal waħda mid-domandi preliminari preċedenti jew għat-tnejn li huma:

Il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-kuntest tal-politika komuni tas-sajd, prevista fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tipprekludi l-adozzjoni minn Stat Membru tal-miżuri msemmija?

([1]) ĠU 2013, L 354, p. 22.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102.
([3]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 357.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fis-27 ta' Diċembru 2016 – Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften eV vs Tetsuji Shimizu

**(Kawża C-684/16)**

(2017/C 104/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Bundesarbeitsgericht

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften eV

*Konvenut:* Tetsuji Shimizu

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([1]), jew l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 7 tal-Bundesurlaubsgesetz (liġi federali dwar il-leave), li tipprevedi, inkwantu modalità ta' eżerċizzju tad-dritt għal-leave tal-mistrieħ, li l-ħaddiem għandu japplika għal-leave billi jindika l-preferenzi tiegħu fir-rigward tad-dati li huwa jixtieq jieħu għal dan il-leave, sabiex ma jitlifx id-dritt għal leave tiegħu fit-tmiem il-perijodu ta' referenza mingħajr ebda kumpens, u li għalhekk ma tobbligax il-persuna li timpjega li tispeċifika unilateralment u b'mod vinkolanti għall-ħaddiem id-dati tal-leave matul il-perijodu ta' referenza?

2) F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

L-istess japplika meta ż-żewġ partijiet fir-relazzjoni ta' xogħol kienu persuni privati?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Galicia (Spanja) fit-2 ta' Jannar 2017 – Instituto Nacional de la Seguridad Social vs Tesorería General de la Seguridad Social u Jesús Crespo Rey

**(Kawża C-2/17)**

(2017/C 104/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de Galicia

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Instituto Nacional de la Seguridad Social

*Konvenuti:* Tesorería General de la Seguridad Social, Jesús Crespo Rey

### Domandi preliminari

1) Il-frażi "il-bażi tal-kontribuzzjoni fi Spanja li tiġi l-eqreb fiż-żmien" fl-Anness XI(Spanja)(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [1], għandha tinftiehem fis-sens li teskludi dawk il-bażijiet ta' kontribuzzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni interna Spanjola li tgħid li ħaddiem migrant li rritorna u li l-aħħar kontribuzzjonijiet reali tiegħu Spanjoli kienu ogħla mill-bażijiet minimi jista' biss jikkonkludi ftehim għaż-żamma ta' kontribuzzjonijiet konformement ma' bażijiet minimi filwaqt li, kieku kien ħaddiem mhux migrant, huwa kien ikollu l-possibbiltà li jikkonkludi tali ftehim b'bażijiet ogħla?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti, u konformement mal-Anness XI(Spanja)(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, il-fatt li jittieħdu l-aħħar kontribuzzjonijiet reali Spanjoli debitament aġġornati u li jitqies il-perijodu ta' kontribuzzjoni kopert mill-ftehim għaż-żamma ta' kontribuzzjonijiet bħala perijodu newtrali jew perijodu ta' intervall, għandhom jitqiesu li huma rimedji adegwati bħala kumpens għad-dannu mġarrab mill-ħaddiem migrant?"

(1) ĠU 2004, L 166, p. 1

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fl-10 ta' Jannar 2017 – Maria Dicu vs Ministerul Justiției, Consiliul Superior al Magistraturii, Curtea de Apel Suceava, Tribunalul Botoșani

**(Kawża C-12/17)**

(2017/C 104/48)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Cluj

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Maria Dicu